**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum, l-Erbgħa, erbgħa (4) ta' Gunju 2025

Kawża Nru 3144/2025

**Il-Pulizija**
***(Spettur Rachel Aquilina)***

vs

**Jacob Cachia**

Il-Qorti,

- ***<u>Preliminari</u>***

Rat l-akkużi miġjuba kontra **<u>Jacob Cachia</u>**, iben Christopher u Vanessa nee Bugeja, imwieled Pieta', Malta fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Frar 2004 u residenti 59, Orchard Gold, Triq Pawlu Balzan, Zebbug, Malta detentur tal-karta tal-identita numru 73204(L) talli nhar id-dsatax (19) ta'

Awwissu 2024 għall-ħabta tal-ħdax u kwart ta' bil-lejl (23.15hrs) fi Triq l-Imdina, Qormi:

(a) saq vettura numru ACT 409 mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan[1];

(b) saq vettura numru ACT 409 mingħajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni.[2]

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imsemmija persuna tiġi skwalifikata mili żżomm jew jkollha liċenzja tas-sewqan għall-perijodu ta' żmien li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat l-affidavits u d-dokumenti kollha preżentati mill-Prosekuzzjoni;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Il-fatti tal-każ huma s-segwenti: nhar id-dsatax (19) ta' Awwissu 2024 bil-lejl, il-Pulizija kienu qegħdin jagħmlu *road check* fi Triq l-Imdina, Qormi abbażi ta' mandat maħrauġ mill-Ispettur Raymond Joseph Azzopardi. Għall-ħabta tal-ħdax u kwart ta' bil-lejl (23.15hrs), il-Pulizija waqqfu vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni ACT 409 tal-għamla Mazda Demio sabiex tiġi spezzjonata. Ġie stabbilit li x-xufier tal-vettura kien Jacob Cachia detentur tal-karta tal-identita numru 73204(L). Huwa intalab jipprovdi l-liċenzja tas-sewqan tiegħu kif wkoll kopja tal-polza ta' assikurazzjoni relattiva għall-istess vettura li kien qed isuq. Cachia għadda lill-Pulizija l-polza ta' assikurazzjoni iżda infurmahom li l-liċenzja ma kinitx qiegħda fuqu.

[1] bi ksur tal-artiklu 15(1)(a) tal-Kap. 65
[2] bi ksur tal-artikol 3(1) tal-Kap 104

Il-Pulizija għamlu verifiki mal-control room fejn stabbilew li l-liċenzja ta' Cachia kienet ġiet revokata. Minn analiżi tal-polza ta' assikurazzjoni li ġiet preżentata, ġie stabbilit li l-polza kienet tawtorizza s-sewqan ta' dik il-vettura partikolari minn numru ta' persuni speċifiċi iżda Cachia ma kienx wieħed minn dawk indikati li seta' jsuq din il-vettura. Cachia beda jinsisti mal-Pulizija li huwa kellu liċenzja u li din ma kinitx ġiet revokata peress li l-punti kienu inqalbu fuq ommu. Għalkemm Cachia ġie mogħti ċ-ċans biex imur Ta' Kandja sat-tnejn u għoxrin (22) ta' Awissu 2024 sabiex din il-materja tiġi iċċarata, Cachia baqa' ma marx. Il-Pulizija għalhekk ħadu proċeduri kriminali kontra tiegħu;

Ikkunsidrat;

Id-difiża tqajjem żewġ argumenti prinċipali;

(a) fl-ewwel lok targumenta li r-riferta preżentata mhijiex waħda valida peress li m'hemmx indikazzjoni biex l-akkużat kien ġie notifikat fil-21 ta' Diċembru 2024. Għalhekk isostni li l-akkużat kellu jitqies li ġie notifikat bl-akkużi dakinhar stess li kien hemm is-smiegħ tal-kawża bil-konsegwenza li t-tieni (2) akkuża tiġi preskritta;

(b) li m'hemmx prova adegwata tal-fatt li l-akkużat kien ġie debitament notifikat bl-ittra tar-revoka tal-liċenzja u allura l-element intenzjonali da parti tal-akkużat huwa nieqes.

Rigward l-ewwel argument tad-difiża, din il-Qorti ma tqisx li d-difiża għandha raġun f'dan l-argument tagħha. Fil-mument li issejħet il-kawża l-ewwel darba, l-akkużat fl-ebda ħin ma ressaq l-argument li huwa ma kienx ġie notifikat biċ-ċitazzjoni u li ma kienx konxju tal-akkużi li kienu qegħdin jiġu addebitati lilu. Dan l-argument tqajjem biss fl-istadju tas-sottomissjonijiet finali. Din il-Qorti tqis li kieku verament l-akkużat ma kellux idea dwar xiex kien qiegħed jiġi akkużat, din il-ħaġa kien

jirrilevaha fil-bidu tal-istess proċeduri.  Il-fatt li m'għamilx hekk allura ma setax ħlief ifisser li huwa kellu a disposizzjoni tiegħu l-informazzjoni kollha dwar l-akkużi li ġew indirizzati fil-konfront tiegħu u li kienet tippermettilu jiddefendi ruħu adegwatament għal dawn l-akkużi. Għalhekk il-Qorti hija konvinta li dakinhar tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Diċembru 2024, l-akkużat irċieva mhux biss l-avviż tad-dehra iżda wkoll kopja taċ-ċitazzjoni bl-akkużi.  Apparti minn hekk il-Qorti tirrileva wkoll li l-liġi fl-ebda ħin ma tistabilixxi n-nullita tan-notifika jekk il-kaxxi indikati fir-riferta ma jkunux mimlija.  Anzi d-dokument "Ordni għan-notifika" lanqas biss ma joħroġ minn xi liġi jew regolament partikolari. Dan huwa dokument intern preparat mill-Pulizija sabiex jiffaċilita x-xogħol tal-istess Pulizija in konnessjoni mal-obbligi li timponi fuqhom il-liġi sabiex jinnottifikaw lill-akkużati biċ-ċitazzjonijiet f'kawżi sommarji u kawżi oħra.

Dan l-ewwel argument tad-difiża qiegħed għalhekk jiġi respint.  Qiegħda wkoll tiġi respinta l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mid-difiża fir-rigward tat-tieni (2) akkuża.

Rigward it-tieni argument tad-difiża li l-element intenzjonali huwa nieqes, din il-Qorti tqis li d-difiża għandha raġun f'dan l-argument tagħha.  Ma jistax jingħad li l-Prosekuzzjoni ġabet prova suffiċjenti li tikkonferma li l-akkużat verament kien konxju tal-fatt li l-liċenzja tiegħu kienet ġiet revokata.  Il-Qorti waslet għal din il-konklużjoni abbażi tas-segwenti raġunijiet:

(a) l-ittra li allegatament intbagħtet bil-posta reġistrata ma ġietx preżentata.  Għalhekk m'hemm l-ebda informazzjoni fl-liema indirizz intbagħtet u meta u lil min kienet indirizzata.  Tal-anqas Kenneth Pace kellu jippreżenta kopja tal-ittra li intbagħtet li jkun fiha il-konnotati li jikkonfermaw l-identità tal-akkużat u li tindika biċ-ċar li l-liċenzja ġiet revokata;

(b) id-dokument *TM 1 - 2 of 2* maħruġ mill-Maltapost ma seta qatt jiġi konfermat minn rappreżentant ta' Transport Malta għaliex dan kien dokument li inħareġ mill-Maltapost. Il-Qorti tqis li l-awtentiċita ta' dan id-dokument kellha tiġi ippruvata bix-xhieda ta' rappreżentant tal-Maltapost preċiżament ta' Francelle Vassallo jew tal-anqas rappreżentant ieħor tal-kumpanija. La darba ma ġie inġunt ħadd mill-Maltapost, tali dokument baqa' mhux konfermat mill-awtorita li ikkompilatu u għaldaqstant m'għandu l-ebda valur probatorju;

(c) m'hemm l-ebda indikazzjoni fl-liema indirizz intbagħtet l-ittra tar-revoka u minn effettivament iffirma għaliha.

Il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li ikkummentat din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizia vs Terence Micallef**[3] fejn b'riferenza għall-sitwazzjoni simili, hija kienet qalet hekk:

> *"Għalhekk il-Qorti tħeġġeġ lill-awtoritajiet kompetenti fi ħdan Transport Malta sabiex jiddokumentaw kif suppost il-mod kif il-korrespondenza li tinforma lis-sewwieqa illi l-liċenzja tas-sewqan tagħhom tkun ġiet revokata tintbagħat lilhom. Dan jista' jseħħ jew permezz ta' uffiċjali ta' Transport Malta stess li jikkonsenjaw l-ittri personalment (u dan ċertament huwa l-aħjar u l-aktar mezz sikur għall-finijiet tal-kontroll ta' provi quddiem Qorti) jew inkella tramite s-servizzi ta' terzi (fejn tiġi utilizzata sistema li permezz tagħha tintalab il-firma tal-persuna li jkun rċieva l-ittra. F' kull każ però trid issir u tinżamm riferta jew dokument uffiċjali li juri kif l-ittra tkun waslet għand l-utenti,*

[3] Deciz mill-Qorti tal-Magistrati fl-20 ta' Lulju 2021 mill-Magistrat Victor Axiaq

*sintendi dejjem jekk din tkun waslet. Il-Qorti tissottolinea l-importanza taż-żamma ta' din il-prova anke għaliex jidher li qed tkun prassi ta' Transport Malta illi meta tiġi revokata liċenzja tas-sewqan bil-punti din ir-revoka tibda tapplika minn meta l-utent jiġi notifikat biha u mhux mid-data tar-revoka nnifisha."*

Din il-Qorti tmur oltre: idealment Transport Malta għandha tibgħat l-ittri tar-revoka bil-Pink Cards (*Advice of Receipt*) biex l-istess Transport Malta jkollha konferma fl-liema indirizz l-ittra tkun ġiet imqassma u l-isem tal-persuna li tkun iffirmat għaliha kif wkoll il-karta tal-identita tagħha. Il-pink card tkun tista' imbagħad tiġi preżentata mad-dokumentazzjoni relattiva. Dan żgur jgħin biex jelimina d-dubji dwar jekk effettivament l-persuna konċernata tkunx ġiet konxja tar-revoka tal-liċenzja.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk din il-Qorti ma tqisx li inġabet prova adegwata li l-akkużat kien konxju tar-revoka tal-liċenzja fil-mument li huwa twaqqaf mill-Pulizija. Għalhekk il-Qorti tqis li l-element intenzjonali fir-rigward tar-reat li l-akkużat kien qed isuq mingħajr liċenzja tas-sewqan huwa nieqes. Per konsegwenza għalhekk il-Qorti ma tistax tasal sabiex issib ħtija fl-akkużat fir-rigward tal-ewwel akkuża.

Għar-rigward it-tieni akkuża, din il-Qorti tinnota li mill-konstatazzjonijiet li għamlu l-Pulizija x'ħin l-akkużat twaqqaf minnhom, kien irriżultalhom li għalkemm kien hemm polza ta' assikurazzjoni viġenti, l-akkużat ma kienx wieħed mill-persuni indikati fil-polza biex isuq dik il-vettura. Il-Qorti tqis li tal-anqas l-Prosekuzzjoni kellha iġġib il-prova li l-assikurazzjoni kienet qed teskludi lill-akkużat milli jsuq din il-vettura. Din il-prova setgħet faċilment tinġab peress li PS 1340 Bellizzi fl-affidavit tiegħu jispeċifika li l-vettura kellha polza ta' assigurazzjoni valida maħruġa minn Argus Insurance Company Limited u saħansitra jagħti n-

numru ta’ riferenza ta’ din il-polza - MP21PC137759-04. Kien biss li kieku inġabet din il-prova li imbagħad l-Qorti setgħet tqis li tkun skattat l-inverżjoni tal-provi stabbilita fl-artikolu 3(1A) tal-Kap. 104 għar-rigward jekk l-akkużat kellux kopertura assikurattiva valida jew le. Il-Qorti ma tqisx li l-inverżjoni stabbilita fl-artikolu 3(1A) setgħet tiskatta mingħajr tal-anqas ma ġiet preżentata din il-polza. F’każijiet fejn ikun hemm biss akkuża taħt l-artikolu 3(1) tal-Kap. 104 (bħal f’każijiet fejn is-sewqan jkun qed isir minn persuni li jkunu taħt l-eta indikata fil-polza), il-Prosekuzzjoni dejjem normalment tressaq bħala xhud lir-rappreżentant tal-kumpanija assikuratriċi involuta biex jikkonferma din il-limitazzjoni. F’dan il-każ ma sarx hekk. Dan wisq probabbli għall-fatt li l-Prosekuzzjoni straħet fuq il-fatt li allegatament l-akkużat kellu l-liċenzja revokata u allura b’mod awtomatiku ma kienx sejjer ikun hemm kopertura valida. Fil-fehma tal-Qorti għalhekk it-tieni akkuża lanqas ma tirriżulta.

- ***Decide***

Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti:

(a) q**iegħda tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mid-difiża għar-rigward it-tieni akkuża**;

(b) **mhux qiegħda issib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u qiegħda tilliberah minn kull ħtija u piena**.

**Dr. Jean Paul Grech**
**Maġistrat**